**TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"L-ASIL, IR-RILOKAZZJONI U R-RITORNI TAL-MIGRANTI: WASAL IŻ-ŻMIEN LI TINGĦATA SPINTA BIEX JIĠU INDIRIZZATI D-DISPARITAJIET BEJN L-OBJETTIVI U R-RIŻULTATI"**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

I Il-Kummissjoni tixtieq tispeċifika li l-eqqel żmien tal-kriżi tal-migrazzjoni kien fl-2015/16 u kien jikkonċerna biss ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran u tal-Mediterran Ċentrali. Wara d-dħul fis-seħħ tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija f'Marzu 2016 u t-tnaqqis sinifikanti tal-wasliet fl-Italja minn Lulju 2017 'l hawn, in-numri issa tabilħaqq irritornaw għal-livelli ta' qabel il-kriżi.

III It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi III, V, VI, VII u VIII.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-appoġġ sostanzjali mill-UE pprovdut f'termini finanzjarji u operazzjonali mill-Kummissjoni u mill-Aġenziji rilevanti tal-UE għamel differenza sinifikanti. Mingħajr dan l-appoġġ, is-sitwazzjoni kienet tkun saħansitra aktar diffiċli fuq il-post fil-pajjiżi l-aktar esposti, b'mod partikolari l-Italja u l-Greċja. Meta wieħed iqis dan l-appoġġ mill-UE, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li r-responsabbiltà legali u politika finali għall-ġestjoni tal-flussi migratorji fit-territorji tagħhom baqgħet biss f'idejn l-awtoritajiet Taljani u Griegi. La l-Kummissjoni u lanqas l-Aġenziji tal-UE ma għandhom setgħat eżekuttivi fl-Istati Membri u ma jistgħux jieħdu post l-awtoritajiet Griegi jew Taljani fid-dmirijiet tagħhom u fir-rigward tan-nuqqasijiet fil-proċeduri nazzjonali tagħhom ta' asil jew ta' ritorn. Għalkemm dan imur lil hinn mill-iskop ta' awditu tal-azzjoni ta' appoġġ tal-UE, xi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-awtoritajiet Griegi u Taljani, b'mod partikolari ta' kif irċevew u implimentaw l-appoġġ, tkun tagħti stampa aktar sħiħa.

IV Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fir-rapport speċjali tal-2017, il-Kummissjoni ttenni li r-rakkomandazzjoni li, skont il-QEA, mhijiex implimentata, hija fir-responsabilità tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju u operazzjonali lill-Italja u lill-Greċja iżda ma tistax tieħu post l-awtoritajiet nazzjonali. Fir-rigward tal-iskemi ta' rilokazzjoni, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li dawn kienu ta' suċċess kbir minħabba li, kif spjegat aktar fit-tweġibiet tagħha għall-paragrafi 35 sa 53, 96% tat-talbiet għar-rilokazzjoni mibgħuta lill-Istati Membri riċeventi u lill-pajjiżi assoċjati taħt l-iskemi temporanji ta' emerġenza rriżultaw f'rilokazzjoni effettiva.

V Il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri, notevolment billi żiedet l-għajnuna ta' emerġenza, li tikkomplementa l-programm nazzjonali pluriennali. Madankollu, l-għajnuna ta' emerġenza ma kinitx inkluża fil-qafas ġenerali ta' ġestjoni tal-prestazzjoni. Din se titjieb fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss.

IX Il-Kummissjoni taċċetta dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha li japplikaw għaliha. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni fi tmiem ir-rapport.

## INTRODUZZJONI

01 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu I.

02 Il-Kummissjoni tqis li Stati Membri oħra li mhumiex fost dawk li jinsabu fuq quddiem bħall-Ġermanja, l-Iżvezja jew in-Netherlands, ukoll kellhom piż kbir billi ta' spiss kienu d-destinazzjoni finali tal-migranti li daħlu fl-UE mill-Italja jew mill-Greċja.

05 L-approċċ hotspot huwa l-istess fl-Italja u fil-Greċja, u jikkonsisti fl-identifikazzjoni, fit-teħid tal-marki tas-swaba', fil-ġbir ta' informazzjoni u fl-allokar tal-każ għall-proċedura xierqa (kemm jekk tkun ta' asil jew ta' ritorn). Id-differenza hija fil-proċeduri ta' segwitu (asil/ritorn), li fil-każ tal-Greċja huma implimentati fil-gżejjer peress li l-Greċja tapplika restrizzjoni ġeografika li hija komponent ewlieni fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

08 Fondi tal-UE bħall-FEŻR u l-FSE wkoll jipprovdu finanzjament sostanzjali fil-qasam tal-migrazzjoni, b'referenza partikolari (iżda mhux biss) għall-miżuri ta' integrazzjoni. Barra minn hekk, l-ISF (il-Fruntieri u l-Viża) jindirizza wkoll kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jagħmel dan b'mod indirett.

11 Il-Kummissjoni tenfasizza r-rwol importanti li għandu l-EASO fir-rigward tar-rilokazzjoni (il-provvista ta' informazzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-intervisti, il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, it-tħejjija tal-fajl tar-rilokazzjoni u l-appoġġ għall-unità ta' Dublin).

15 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu III.

## L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

16 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-proċeduri ta' asil u ta' ritorn huma r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu III).

## OSSERVAZZJONIJIET

23 Il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjonijiet kollha ġew implimentati, f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ mill-Kummissjoni. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jifdal hija tal-Istati Membri. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi IV u 25 sa 27.

25 Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hemm differenzi fl-Italja u fil-Greċja fir-rigward tal-proċeduri ta' segwitu għall-approċċ hotspot. Ir-restrizzjoni ġeografika fil-gżejjer hotspot Griegi, komponent ewlieni fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, kellha impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-hotspots Griegi.

Il-Kummissjoni pprovdiet finanzjament sinifikanti sabiex iżżid il-kapaċità, taġġorna l-infrastruttura u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien (inklużi għal Minorenni mhux akkumpanjati (UAMs)) u talbet diversi drabi għal aċċellerazzjoni tal-proċeduri ta' asil, għal żieda sostenibbli u sinifikanti tar-ritorni lejn it-Turkija, u għal użu aktar rapidu tal-fondi eżistenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet u se tkompli tipprovdi l-fondi kollha meħtieġa sabiex tkopri l-infrastruttura u l-aġġornar tal-hotspots fil-Greċja, appoġġat it-trasferiment ta' applikanti vulnerabbli mill-gżejjer għall-kontinent, kif ukoll il-ħolqien ta'

kapaċità akbar fil-kontinent. Madankollu, ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' asil hija tal-awtoritajiet Griegi, u mhux tal-Kummissjoni (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu III).

**Kaxxa 1 Minorenni mhux akkumpanjati fil-hotspot f'Samos**

Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti rigward is-sitwazzjoni tal-UAMs f'Samos, u b'mod aktar ġenerali fil-Greċja. Il-Kummissjoni pprovdiet fondi sinifikanti u qed tkompli tipprovdi riżorsi sabiex tespandi l-kapaċità tal-hotspots Griegi u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien għall-minorenni u għall-applikanti vulnerabbli, eż. il-ħolqien u l-espansjoni ta' żoni sikuri u ta' postijiet ta' kenn fil-kontinent, xogħlijiet ta' manutenzjoni u ta' titjib fl-RICs, il-provvista tal-oġġetti kollha mhux tal-ikel li huma meħtieġa. Id-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Griegi u l-isforzi sabiex titjieb is-sitwazzjoni għadhom għaddejjin. Il-Greċja ressqet strateġija dwar il-UAMs lill-Kummissjoni, li bħalissa qiegħda tiġi aġġornata. Ir-responsabbiltà li jistabbilixxu sistema sostenibbli għall-UAMs hija tal-awtoritajiet Griegi, u mhux tal-Kummissjoni (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu III).

27 Il-Kummissjoni tfakkar li minkejja li ma kinitx kompetenti sabiex tikkoordina avvenimenti ta' Tiftix u Salvataġġ (Search and Rescue, SAR) jew sabiex tassenja port tal-iżbark, hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex titlob lill-Istati Membri jindirizzaw id-dmir umanitarju, li permezz tal-koordinazzjoni proattiva tagħha, għamel differenza konkreta fil-prattika sabiex jitħaffef l-iżbark u jinstabu soluzzjonijiet għall-proċess volontarju ta' distribuzzjoni tal-migranti żbarkati, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-minorenni.

28 Meta titqies ix-xejra staġjonali tal-wasliet u l-ħtieġa li l-iskjeramenti jiġu ppjanati b'mod strateġiku 'l quddiem, il-Kummissjoni tqis li l-aġenziji għandhom ikunu flessibbli kemm jista' jkun fil-mandati rispettivi tagħhom fir-rispons tagħhom għall-ħtiġijiet fil-prattika. Madankollu, anke f'perjodi b'ammonti baxxi ta' wasliet, il-preżenza permanenti u regolari tal-aġenziji fuq il-post għadha meħtieġa, hekk kif uriet biċ-ċar is-serje ta' żbarki *ad-hoc* matul is-sajf 2019. Barra minn hekk, il-livelli kurrenti ta' skjeramenti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) naqsu b'aktar min-nofs meta mqabbla mal-2016, is-sena tal-wasliet rekord fl-Italja.

**Kaxxa 2 Skjerament tal-esperti tal-Frontex f'hotspots Taljani**

Il-preżenza permanenti fil-hotspot għadha essenzjali minħabba n-nuqqas ta' prevedibilità tal-flussi (flimkien mal-staġjonalità tagħhom), kif muri mill-każijiet ta' rilokazzjoni *ad hoc* wara l-avvenimenti ta' żbark tal-2019. Barra minn hekk, huwa kkumplikat ħafna li jiġu skjerati l-esperti, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma provduti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tappoġġa approċċ flessibbli b'taħlita ta' timijiet permanenti u mobbli li jistgħu jkopru l-iżbarki fin-Nofsinhar tal-Italja.

29 Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-QEA u tenfasizza li l-Istati Membri li jipprovdu l-esperti jiddeċiedu dwar it-tul tal-iskjerament tagħhom u l-persuni li jiskjeraw.

30 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 29.

31 Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-QEA.

32 B'rabta man-numri li jinsabu fl-Illustrazzjoni 4 għall-CAT 1, il-Kummissjoni tenfasizza li bħalissa l-Eurodac ma tgħoddx l-applikanti iżda l-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li n-numri inkwistjoni jikkonċernaw l-UE kollha, u b'hekk jinvolvu r-rotot kollha tal-wasliet u l-Istati Membri kollha. Għalhekk, għal dawn in-numri, id-diskrepanzi jistgħu jiġu spjegati wkoll, pereżempju, permezz ta' dewmien minn ċerti Stati Membri meta jittrażmettu l-marki tas-swaba', minħabba diversi raġunijiet marbuta, fost l-oħrajn, mal-metodi tat-teħid tal-marki tas-swaba'.

33 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li bejn l-2015 u Marzu 2016 kien hemm grad għoli ta' movimenti sekondarji fl-UE; b'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni pproponiet l-istabbiliment tal-approċċ hotspot u ħeġġet lill-Italja u lill-Greċja sabiex jiżviluppaw pjanijiet direzzjonali bl-għan li jindirizzaw il-problemi strutturali bħala prekundizzjoni għar-rilokazzjoni.

34 Il-Kummissjoni tirreferi għall-paragrafu 32, fir-rigward tar-reġistrazzjoni u tat-teħid tal-marki tas-swaba' fil-Greċja u fl-Italja, li hija kwistjoni separata għall-funzjonament tat-trasferimenti ta' Dublin.

36 Il-limitu massimu, inizjalment ta' 160 000, li mbagħad tniżżel għal 98 256, kien ir-riżultat ta' negozjati politiċi dejjem jevolvu sostnuti minn analiżi tal-previżjoni tal-flussi migratorji bbażati fuq ix-xejriet tal-wasliet, kif muri fil-premessi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni. Il-Kummissjoni tenfasizza l-impatt straordinarju li kellha d-Dikjarazzjoni UE-Turkija fuq it-tnaqqis tal-flussi, li kienet rivoluzzjoni li biddlet il-previżjonijiet kollha rigward il-wasliet permezz tar-rotta tal-Lvant tal-Mediterran.

37 Il-Kummissjoni taqbel li kriterji ċari sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni rapida kienu kruċjali sabiex l-iskema ta' rilokazzjoni taħdem. Ir-rata medja ta' rikonoxximent madwar l-UE ta' 75 % għenet sabiex jiġu stabbiliti kriterji uniformi għall-grupp ta' persuni meqjusa li "aktarx" ikollhom bżonn protezzjoni internazzjonali.

38 96 % tat-talbiet għar-rilokazzjoni mibgħuta lill-Istati Membri riċeventi u lill-pajjiżi assoċjati taħt l-iskemi temporanji ta' emerġenza wasslu għal rilokazzjoni effettiva.

39 Il-Kummissjoni tenfasizza li dan l-appoġġ finanzjarju kien japplika biss għar-rilokazzjoni tal-applikanti għal asil.

41 Il-Kummissjoni tinnota li 96% tat-talbiet għar-rilokazzjoni mibgħuta lill-Istati Membri riċeventi u lill-pajjiżi assoċjati taħt l-iskemi ta' rilokazzjoni wasslu għal rilokazzjoni effettiva.

Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-effettività tal-iskema kif imfassla mill-Kunsill tista' titkejjel biss b'referenza għal applikanti għal asil, *potenzjalment eliġibbli* biss.

Dan ifisser li ssir referenza biss għal:

(i) applikanti għal asil ta' nazzjonalità b'rata medja ta' rikonoxximent tal-asil fl-UE ta' 75% jew ogħla, aktar milli għall-persuni kollha li jfittxu asil;

(ii) applikanti għal asil attwalment disponibbli għar-reġistrazzjoni fl-Italja u fil-Greċja matul il-perjodu ta' referenza rilevanti, aktar milli għan-numru ta' wasliet: ħafna mill-migranti ma ridux jibqgħu fil-Greċja, iżda komplew il-vjaġġ tagħhom mill-Greċja 'l

quddiem. Xi applikanti kienu wkoll soġġetti għal trasferimenti skont ir-Regolament ta' Dublin[1]. Finalment, il-persuni li waslu l-Greċja wara d-dħul fis-seħħ tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija ġew esklużi mill-iskema.

L-iskemi ta' rilokazzjoni rnexxielhom itaffu l-pressjoni fuq is-sistemi tal-asil tal-Italja u tal-Greċja minn sehem sinifikanti tal-applikazzjonijiet ta' persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni (u b'hekk itaffu wkoll il-pressjoni fit-tul assoċjata mal-integrazzjoni).

42 Il-Kummissjoni tixtieq tindika li l-perjodu ta' referenza li għalih kienu japplikaw id-Deċiżjonijiet ta' Rilokazzjoni[2] sussegwentement tqassar fil-prattika minħabba l-effett tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Minħabba li l-Greċja kienet il-benefiċjarja tal-iskema, hija setgħet tiddeċiedi fuq min għandha tipproponi għar-rilokazzjoni, u l-Greċja ddeċidiet li ma tinkludix lill-applikanti eliġibbli għar-rilokazzjoni meta dawn kienu waslu wara d-dħul fis-seħħ tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

44 Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 41 dwar il-kejl tal-effettività tal-iskema u b'kunsiderazzjoni tal-limitu massimu ta' 98 256 stabbilit mill-Kunsill, irrispettivament min-numru ta' wasliet matul il-perjodu ta' referenza.

Il-Kummissjoni tinnota li 96 % tat-talbiet għar-rilokazzjoni mibgħuta lill-Istati Membri riċeventi u lill-pajjiżi assoċjati wasslu għal rilokazzjoni effettiva.

It-tfassil tal-iskemi dejjem kien maħsub sabiex japplika biss għal applikanti għal asil li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, preżenti fil-Greċja u fl-Italja matul il-perjodu rilevanti. Bl-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, il-grupp ta' applikanti eliġibbli għal asil naqas b'mod konsiderevoli.

45 Kien hemm ħafna fatturi li influwenzaw in-numru finali ta' dawk rilokati, inkluż l-impatt pożittiv tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija fuq il-wasliet previsti. Wara d-dħul fis-seħħ tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, l-applikanti għal asil kellhom jibqgħu fil-Greċja, u l-unika alternattiva li kellhom sabiex imorru f'pajjiżi oħra tal-UE kienet ir-rilokazzjoni. Il-prereġistrazzjoni massiva fil-Greċja għenet sabiex jitħaffef l-aċċess għall-proċedura ta' asil. Mingħajrha, ir-rilokazzjoni kienet iddum aktar, iżda ma kinitx taffettwa l-grupp ta' persuni li jfittxu asil eliġibbli għar-rilokazzjoni u n-numru ta' dawk li finalment ġew rilokati. Kważi l-applikanti għal asil eliġibbli kollha ġew rilokati.

L-eżerċizzju ta' prereġistrazzjoni massiva wera li kien hemm ħafna anqas persuni fil-Greċja dak iż-żmien, u li l-maġġoranza l-kbira tagħhom kienet marret fi Stati Membri oħra.

Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 48.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid).

[2] Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 u 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li jistabbilixxu miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja.

46 Ħafna migranti riedu li jagħżlu l-pajjiż ta' destinazzjoni tagħhom, speċjalment waqt li kienu għadhom jistgħu jitilqu mill-Greċja. Filwaqt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li kien diffiċli li tiġi organizzata l-provvista ta' informazzjoni meta n-numru ta' wasliet kien tant straordinarju, hija tixtieq tenfasizza li minn Marzu 2016, l-informazzjoni pprovduta kienet aktar sistematika u mmirata. Barra minn hekk, il-provvista ta' informazzjoni ttejbet u tfasslet għal kull grupp speċifiku ta' migranti, minħabba li l-ostakli ġew identifikati u ttejbu b'mod sinifikanti matul l-implimentazzjoni.

47 Fil-bidu tal-iskema, fil-verità kien hemm aktar wegħdi milli applikanti rreġistrati. Għalhekk, fil-bidu tal-iskema, ma kien hemm l-ebda element dissważiv. B'mod simili, fl-eqqel perjodu tal-iskema (is-sajf 2017), kien hemm aktar wegħdi milli applikanti li kellhom jiġu rilokati.

48 Meta jiġu evalwati l-iskemi ta' emerġenza temporanji, il-Kummissjoni tqis li huwa indispensabbli li ssir distinzjoni ċara bejn (i) it-tfassil tal-iskemi kif deċiż politikament mill-Kunsill u (ii) l-implimentazzjoni tal-iskemi, li fil-verità kienet ta' suċċess kbir, b'kumplessivament 96% mill-persuni eliġibbli li ġew rilokati kif spjegat fir-rapport ta' Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, datat is-16 ta' Mejju 2018.

**Kaxxa 3 Dgħjufijiet operazzjonali fil-proċess ta' rilokazzjoni**

L-ostakli operazzjonali kellhom ikunu mistennija minn sistema li kienet kompletament ġdida u maħsuba sabiex tipprovdi rispons ta' emerġenza. Il-Kummissjoni żviluppat protokolli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet, li kienu approvati mill-Istati Membri, mill-Aġenziji tal-UE u mill-Organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tindirizza ħafna mill-kwistjonijiet operazzjonali. Dan wassal għal aċċellerazzjoni sinifikanti tar-rilokazzjoni u tal-implimentazzjoni sabiex, fl-eqqel perjodu tal-iskema, kien possibbli li jiġu rilokati 3 000 persuna f'xahar (l-iskema bdiet tirriloka 87 fix-xahar).

Dawn il-protokolli issa qed jintużaw *mutatis mutandi* għar-rilokazzjonijiet volontarji *ad hoc*.

51 Il-Kummissjoni tinnota li erba' Stati Membri biss irrapportaw rata għolja ta' ħarbiet. Il-maġġoranza tal-applikanti rilokati baqgħet fil-pajjiż tar-rilokazzjoni.

52 Il-Kummissjoni wettqet monitoraġġ kostanti tal-implimentazzjoni tal-iskema, inklużi 15-il rapport dwar ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni sa Mejju 2018, u għalhekk ma tikkunsidrax li huma meħtieġa aktar evalwazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-Illustrazzjoni 7 tippreżenta biss *data* minn erba' Stati Membri (u li d-*data* mill-Estonja tinkludi wkoll ir-risistemazzjoni).

58 Il-ħtiġijiet evolvew u huma anqas iffokati fuq il-kapaċità tal-ewwel akkoljenza. Madankollu, għad hemm ħtiġijiet urġenti minħabba l-pressjoni għolja fuq is-sistemi tal-asil. Huma jeħtieġu l-istabbiliment ta' skemi ta' akkomodazzjoni permanenti meta dawn mhumiex eżistenti (biżżejjed), it-tfassil ta' strateġiji ta' integrazzjoni ġodda u sistematiċi u ż-żieda tar-ritorni. Il-proġetti ta' assistenza ta' emerġenza f'dawn l-oqsma dejjem ikunu azzjonijiet li jeħtieġ li jibdew f'temp ta' żmien qasir ħafna, għalkemm jikkontribwixxu għat-titjib tas-

sistema tal-Istati Membri fit-terminu medju sat-terminu twil, li huwa konformi mal-objettivi tal-AMIF u jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-finanzjament ipprovdut.

60 Fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li l-assistenza ta' emerġenza tkun inkluża fil-faċilità tematika li hija soġġetta għall-qafas ġenerali ta' kontroll u ta' monitoraġġ tal-Fondi futuri.

**Kaxxa 4 Eżempju ta' proġett mingħajr indikaturi tal-output u tal-eżitu**

Għall-EMAS IT-1, ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-kumitat ta' evalwazzjoni ġew segwiti mill-uffiċjali tal-proġetti u ġew trażmessi lill-Italja. Matul it-tħejjija tal-proġetti, l-inklużjoni ta' indikaturi rilevanti kienet diskussa fil-livell lokali bejn l-awtoritajiet Taljani kompetenti u d-DĠ HOME, iżda kien hemm reżistenza qawwija min-naħa tal-awtoritajiet Taljani sabiex jinkludu indikaturi bħal dawn.

Fl-aħħar mill-aħħar tqies li huwa aktar importanti li jipproċedu bl-iffirmar tal-ftehim ta' għotja, anki fin-nuqqas ta' indikaturi tal-output tajbin, sabiex jiġi garantit l-impatt tal-azzjoni, anki jekk dan l-impatt ma setax jitkejjel sew.

Waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti, il-monitoraġġ jikkonsisti l-ewwel u qabel kollox mir-rieżami tar-rapporti ta' progress. Dan jipprovdi lid-DĠ HOME b'opportunità li jikkoreġi n-nuqqas ta' indikaturi adegwati billi jitlob aktar kjarifiki u informazzjoni operazzjonali ċara. Għal dan il-proġett partikolari, f'Mejju 2019 wasal l-ewwel rapport ta' progress. Il-Kummissjoni tagħmel ukoll żjarat ta' monitoraġġ sabiex tivverifika r-riżultat u l-impatt tal-proġetti.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għamlet superviżjoni mill-qrib tal-iżvilupp reali tal-proġetti, anki permezz ta' żjarat ta' verifika operazzjonali.

61 Il-Kummissjoni tilqa' d-dikjarazzjoni tal-QEA li l-proġetti ta' assistenza ta' emerġenza ma kinux jirkbu fuq il-Programmi Nazzjonali, jew fuq l-appoġġ tal-EASO u tal-Frontex.

62 Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 58.

**Kaxxa 5 Bidla tal-EMAS minn rispons ta' emerġenza għal appoġġ strutturali fuq żmien itwal**

Għall-EMAS GR-2, meta l-Kummissjoni tat l-assistenza ta' emerġenza, l-awtorità responsabbli kienet għadha mhux kompletament funzjonanti u operazzjonali u, għalhekk, ma setgħux isiru l-ħlasijiet ta' prefinanzjament mill-programm nazzjonali. Peress li l-programm nazzjonali ma setax jiġi implimentat sabiex jgħin fit-titjib tas-sitwazzjoni ta' kriżi fil-prattika, l-għoti ta' għotja ta' assistenza ta' emerġenza kien iġġustifikat kif xieraq.

Għall-proġett EMAS IT-1, il-Kummissjoni tqis li kien hemm ħtieġa ta' emerġenza (ħtiġijiet urġenti u speċifiċi li għalihom ma kien disponibbli l-ebda baġit addizzjonali taħt l-AMIF). Fil-qafas tal-Eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi nazzjonali tal-2017, il-pjanijiet direzzjonali tal-IT/EL ppreżentati fl-2015 u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tkomplija tat-Trasferimenti ta' Dublin fil-każ tal-Greċja, kienu

identifikati ċerti ħtiġijiet urġenti u speċifiċi li għalihom ma seta' jsir disponibbli l-ebda baġit addizzjonali għall-programmi nazzjonali AMIF.

F'Novembru 2017, l-awtoritajiet Taljani tkellmu mad-DĠ HOME dwar il-ħtieġa li jiżdiedu l-kapaċitajiet tat-tagħmir u l-interpretazzjoni/il-medjazzjoni kulturali fis-sezzjonijiet tal-Kwestura li jimmaniġġaw l-applikazzjonijiet għal asil. Kien biss f'Ġunju 2018, meta ħa l-mandat il-Gvern il-ġdid, li ġiet ippreżentata proposta għal proġett li ġiet diskussa b'mod estensiv. Dawn il-fatturi ttardjaw l-iżvilupp u l-finalizzazzjoni tal-applikazzjoni tal-EMAS IT-1 għall-finanzjament. L-applikazzjoni ntlaqgħet f'Lulju 2018 segwita minn firma tal-Ftehim ta' Għotja f'Ottubru 2018. Il-proġett għadu għaddej. L-ewwel rapport ta' progress intbagħat lid-DĠ HOME f'Mejju 2019.

63 Mekkaniżmu strutturat bi skemi ta' kontribuzzjonijiet għall-pajjiżi mhux se jsolvi s-sitwazzjoni li jkun hemm ħtiġijiet ta' emerġenza aktar mill-baġit disponibbli minħabba li dawn il-ħtiġijiet jevolvu b'mod kostanti.

Il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmi fis-seħħ huma biżżejjed sabiex talloka b'mod ġust l-assistenza ta' emerġenza fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni qed tirrieżamina kontinwament il-ħtiġijiet b'mod partikolari dawk tal-Istati Membri l-aktar esposti.

Hemm ħafna modi kif tiġi indirizzata disponibbiltà baġitarja insuffiċjenti bħall-prijoritizzazzjoni fil-programm nazzjonali kif ukoll fl-applikazzjoni għal assistenza ta' emerġenza, jew billi jintalab baġit akbar.

64 Il-Kummissjoni żżid li, għall-QFP futur, qed tippjana li tiddefinixxi sett ta' parametri ġenerali għall-allokazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza għall-Istati Membri.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-ħsieb li tintroduċi tali parametri ġenerali fil-programmi ta' ħidma futuri fil-Faċilità Tematika għall-Fondi tal-Affarijiet Interni tal-QFP li jmiss. Madankollu għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni tistma li din il-metodoloġija se tiġi introdotta sa nofs l-2021.

**Kaxxa 6 Eżempji tal-proġetti tal-EMAS tal-AMIF li ma laħqux l-objettivi kollha tagħhom**

Fir-rigward tal-EMAS IT-3, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li raġuni oħra għar-rata aktar baxxa ta' okkupazzjoni mill-kandidati għar-rilokazzjoni fiċ-ċentri ta' akkoljenza ddedikati għar-rilokazzjoni koperti mill-proġett ta' assistenza ta' emerġenza kienet tikkonċerna l-fatt li wħud minn dawn iċ-ċentri speċjalizzati kienu jospitaw persuni vulnerabbli bi bżonnijiet speċifiċi li jfittxu asil, li għal din ir-raġuni ma setgħux jiġu ttrasferiti faċilment għal ċentri oħra sabiex jagħmlu spazju għall-kandidati għal rilokazzjoni.

68 L-ippjanar strateġiku pluriennali tal-programmi nazzjonali tal-AMIF huwa strutturat tajjeb. Dak li jista' jittejjeb huwa l-mekkaniżmi li bihom il-Programm Nazzjonali jista' jiġi adattat b'aktar ħeffa għall-ħtiġijiet li jinbidlu b'rata mgħaġġla relatati max-xejriet migratorji u mal-effetti tad-deċiżjonijiet politiċi mill-gvernijiet fis-seħħ.

69 Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 68.

71 Peress li ż-żewġ proġetti ġew implimentati taħt il-programm nazzjonali tal-AMIF, il-Kummissjoni ma kinitx involuta fl-għażla tagħhom, u lanqas fit-tħejjija tal-ftehimiet ta' għotja relatati (iffirmati mill-Awtorità Responsabbli tal-AMIF tal-Italja mal-benefiċjarji tal-proġetti kkonċernati), li matulhom seta' jiġi identifikat u indirizzat kwalunkwe trikkib ġeografiku possibbli.

72 Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li l-appoġġ operazzjonali tal-Frontex għall-Istati Membri u għall-programmi nazzjonali AMIF qed jappoġġa l-istess tip ta' attivitajiet ta' ritorn furzat, iżda b'mod komplementari.

Il-fatt li jkollhom il-possibbiltà li jorganizzaw operazzjonijiet ta' ritorn iffinanzjati permezz ta' programmi nazzjonali tal-AMIF jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa sabiex iwettqu ritorni meta u fejn l-Aġenzija ma tkunx tista' tipprovdi appoġġ jew meta l-Istati Membri jikkunsidraw li l-involviment tal-Aġenzija ma jkunx meħtieġ.

73 Fir-rigward tar-raġuni ta' dan id-dewmien fil-Greċja, jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 5.

76 Il-Kummissjoni xorta waħda tindika li r-Regolament Delegat (UE) 2017/207, li jistabbilixxi l-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF) ġie adottat fit-3 ta' Ottubru 2016. Dan inkluda l-mistoqsijiet ta' evalwazzjoni kemm għall-fondi kif ukoll għal-listi ta' riżultati komuni u ta' indikaturi tal-impatt. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-bażijiet ġuridiċi speċifiċi għall-fondi diġà kienu jinkludu indikaturi komuni għall-kejl tal-objettivi speċifiċi, u għalhekk kien hemm disponibbli skema sa mill-bidu nett li tintuża sabiex tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni tal-programmi nazzjonali permezz tar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali.

77 Għall-indikaturi tar-riżultati u tal-impatt kif ukoll għall-indikaturi komuni, li huma parti mill-programmi nazzjonali, il-valur tal-bażi ġie stabbilit għal żero billi l-programmi kienu kkunsidrati bħala ġodda, sabiex il-kontribuzzjoni tal-fondi tkun tista' titkejjel b'mod iżolat.

L-iffissar tal-miri tħalla f'idejn l-Istati Membri sabiex ikun jirrifletti s-sitwazzjoni nazzjonali.

78 Fil-QFP li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li l-assistenza ta' emerġenza tkun inkluża fil-faċilità tematika u soġġetta għall-qafas ġenerali ta' kontroll u ta' monitoraġġ tal-Fondi futuri.

Fil-proposta tal-Kummissjoni, il-qafas ta' prestazzjoni se jiġi rieżaminat u se jinkludi kemm indikaturi tal-output kif ukoll tar-riżultati. Se jiġu stabbiliti l-istadji importanti għall-indikaturi tal-output u huma ffissati l-miri għall-indikaturi tal-output u tar-riżultati. Dan huwa komuni għall-fondi kollha b'ġestjoni kondiviża koperti mir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni. Il-valur tal-bażi jista' jkun żero għall-indikaturi tal-output biss. L-assistenza ta' emerġenza tista' tiġi implimentata fi kwalunkwe modalità ta' ġestjoni. Jekk l-assistenza ta' emerġenza tiġi implimentata f'ġestjoni diretta, jintuża wkoll dan il-qafas ta' monitoraġġ.

79 Sabiex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 862/2007, il-Kummissjoni ressqet proposta ta' emenda f'Mejju 2018. Din kellha l-għan li tilħaq il-ħtieġa ta' statistika aktar dettaljata, frekwenti u puntwali dwar l-asil u l-migrazzjoni ġestita, b'mod

partikolari dwar il-minorenni mhux akkumpanjati u r-ritorni. Filwaqt li ntlaħaq ftehim politiku fit-trilogu tal-31 ta' Jannar 2019, il-kompromess qatt ma ġie kkonfermat fil-Coreper. Uħud mill-Istati Membri ma kinux lesti jagħtu l-kunsens tagħhom għall-kompromess, bl-argument li dan xorta jkun ifisser piż addizzjonali sinifikanti. Fis-16 ta' April 2019 il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħu fl-ewwel qari. In-negozjati mal-Parlament Ewropew il-ġdid u mal-Kunsill ikomplu fit-tieni nofs tas-sena.

80 Sabiex jiġi limitat il-piż addizzjonali fuq l-Istati Membri, il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2018) 307 finali) iffokat fuq l-aktar titjib importanti meħtieġ. L-emendi proposti kienu fil-biċċa l-kbira bbażati fuq il-ġabriet volontarji eżistenti ta' *data* żviluppati mal-parti l-kbira tal-awtoritajiet nazzjonali u mmexxija minnhom.

81 Madankollu, il-Eurostat jiġbor *data* ta' kull xahar dwar applikazzjonijiet pendenti għall-asil. Din tinkludi n-numru ta' persuni b'applikazzjonijiet pendenti fl-istanzi kollha tal-proċedura amministrattiva u/jew ġudizzjarja.

Kull xahar l-EASO jirrapporta n-numru ta' każijiet pendenti fl-ewwel istanza, imqassma skont id-durata (< 6 xhur u > 6 xhur). Il-ġbir ta' *data* qed jitjieb bis-saħħa tas-sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Tħejjija, fejn id-*data* tinġabar mill-Istati Membri.

82 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 80.

87 Matul il-programmazzjoni (djalogu dwar il-politika) u l-approvazzjoni, inkluża r-reviżjoni, tal-programmi nazzjonali tal-AMIF, hemm proċedura ta' konsultazzjoni interna stabbilita fid-DĠ HOME. Din il-proċedura tinkludi l-involviment u l-konsultazzjoni tal-unitajiet ta' politika, responsabbli wkoll għar-relazzjonijiet mal-Aġenziji, fid-djalogu politiku kif ukoll fil-proċess ta' approvazzjoni. Fir-rigward tal-operazzjonijiet fil-Greċja u fl-Italja għall-2019, id-DĠ HOME għamel mistoqsijiet dettaljati lill-EASO sabiex jiżgura, fost l-oħrajn, il-komplementarjetà tal-azzjonijiet mas-sorsi tal-AMIF. Fl-aħħar nett, fid-dawl ta' attivitajiet ta' koordinazzjoni aħjar fil-Greċja, l-EASO ġie mistieden jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Pjan Finanzjarju 2019 li jsiru ta' kull xahar f'Ateni u li jeżaminaw ukoll l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-pjanijiet operazzjonali tal-aġenziji sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni mal-EMAS jew ma' azzjonijiet speċifiċi taħt il-programmi nazzjonali.

89 Il-Kummissjoni tixtieq tikkwalifika li l-operazzjonijiet tal-EASO fil-Greċja jinqasmu fi tnejn: l-għoti ta' appoġġ għar-riformi strutturali, sabiex tinħoloq sistema robusta, reżiljenti u li tiflaħ għall-kriżijiet, u l-għoti ta' appoġġ operazzjonali, eż. l-implimentazzjoni tal-kompiti ewlenin f'idejn l-Istati Membri, bħala parti minn sistema strutturata ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE, skont il-prinċipju fundamentali tas-solidarjetà (kif rifless fil-proposta għall-EUAA). Għalissa, jidher biċ-ċar li għadu kmieni wisq sabiex jiġi kkunsidrat il-ħruġ tal-EASO mill-Greċja, fid-dawl tas-sitwazzjoni f'dan l-Istat Membru tant espost. Madankollu, il-Pjanijiet Operazzjonali tal-EASO jinkludu aktar miżuri ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, li għandhom l-għan li jżidu s-sjieda u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet Griegi.

92 Il-Kummissjoni taqbel mal-evalwazzjoni tal-QEA u tfakkar li ilha tappella kontinwament lill-Istati Membri sabiex jinnominaw esperti.

**Kaxxa 7 Kwistjonijiet operazzjonali li jolqtu l-appoġġ tal-EASO għall-proċeduri ta' asil fil-gżejjer Griegi**

Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni ġenerali għall-perjodu ta' żmien rilevanti ppreżentata mill-QEA, li hija allinjata mar-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fir-rapporti regolari tagħha dwar l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Il-ħtieġa għal approċċ aktar omoġenju għall-valutazzjonijiet tal-vulnerabilità tqajmet mill-Kummissjoni f'okkażjonijiet differenti, u din wasslet sabiex (i) fl-2018 jinħolqu mudell u manwal ġodda, (ii) f'April 2019 il-Greċja toħroġ struzzjonijiet dwar din il-kwistjoni, u (iii) f'Ġunju 2019 l-EASO u l-GAS qablu fuq emendi għas-SOPs u għall-flussi tax-xogħol konġunti tagħhom.

96 Filwaqt li huwa korrett li l-appoġġ għar-ritorni mill-Frontex u l-programmi nazzjonali tal-AMIF qed jappoġġaw l-istess tip ta' attivitajiet ta' ritorn furzat, dawn jagħmlu hekk b'mod komplementari. Is-sistema tfasslet sabiex tagħti flessibilità lill-Istati Membri sabiex dawn ikunu jistgħu jagħżlu l-aktar sistema konvenjenti u żżid in-numru ta' ritorni, f'konformità mal-politika tal-UE li tagħmel ir-ritorn aktar effettiv.

Il-possibilità li jiġu organizzati operazzjonijiet ta' ritorn iffinanzjati permezz ta' programmi nazzjonali tal-AMIF tagħti lill-Istati Membri l-flessibilità meħtieġa sabiex iwettqu ritorn meta u fejn il-Frontex ma tkunx tista' toffri appoġġ.

Il-Frontex għandha tilħaq bis-sħiħ il-potenzjal tagħha li toffri assistenza f'attivitajiet relatati mar-ritorni, billi tuża l-istrumenti finanzjarji disponibbli tal-UE b'mod flessibbli u komplementari.

Iż-żieda fl-appoġġ ipprovdut mill-Frontex tippermetti lill-Istati Membri sabiex jirridirezzjonaw il-fondi disponibbli mill-AMIF sabiex jindirizzaw ħtiġijiet rilevanti oħra.

97 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 87 – proċeduri simili japplikaw għall-Frontex.

Il-Kummissjoni tinnota li l-Frontex tiġi kkonsultata matul il-programmazzjoni tal-azzjonijiet ta' ritorn tal-AMIF.

Matul il-programmazzjoni (djalogu dwar il-politika) u l-approvazzjoni, inkluża r-reviżjoni, tal-programmi nazzjonali tal-AMIF, hemm proċedura ta' konsultazzjoni interna stabbilita fi ħdan id-DĠ HOME. Din il-proċedura tinkludi l-involviment u l-konsultazzjoni tal-unitajiet ta' politika, responsabbli wkoll għar-relazzjonijiet mal-Aġenziji, fid-djalogu politiku kif ukoll fil-proċess ta' approvazzjoni.

Barra minn hekk, l-Istat Membru huwa obbligat ikollu fis-seħħ il-mekkaniżmi xierqa li jiżguraw il-komplementarjetà bejn l-għodod u s-sorsi differenti ta' finanzjament. Fil-każ tal-Greċja, il-Pulizija Ellenika hija l-istess benefiċjarju kemm għall-għodod tal-AMIF kif ukoll għal dawk tal-Frontex u hija responsabbli sabiex tikkoordina l-appoġġ komplementari taż-żewġ għodod.

105 Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-QEA u tindika li hija ripetutament talbet lill-Greċja sabiex tadotta approċċ aktar strateġiku għall-asil u b'mod aktar ġenerali ġestjoni tal-migrazzjoni li tisfrutta l-possibilitajiet kollha skont id-dritt tal-UE u nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lis-servizz tal-asil tal-Greċja permezz tal-EMAS.

**Kaxxa 9 Nuqqas ta' spazju tax-xogħol fis-Servizz tal-Asil tal-Greċja**

Il-Kummissjoni tinnota li hemm possibbiltajiet addizzjonali disponibbli (eż. xifts doppji u żieda fil-produttività permezz ta' approċċ aktar strateġiku). Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hija għadha tappoġġa lill-GAS permezz tal-EMAS u bħala parti minn dan l-appoġġ, talbet lill-GAS f'kooperazzjoni mal-EASO sabiex jippreżentaw pjan sabiex inaqqsu b'mod sinifikanti x-xogħol b'lura fis-snin li ġejjin.

107 Il-Kummissjoni tinnota li bħalissa l-liġi tal-UE tqiegħed ir-responsabbiltà ewlenija għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-asil fl-ewwel pajjiż ta' dħul tal-UE; din hija r-raġuni għal aktar appoġġ mogħti lill-Greċja, inkluż finanzjarjament, operazzjonalment u teknikament, flimkien mal-EASO u mal-Kummissjoni.

108 Il-Kummissjoni tinnota li hija tat finanzjament estensiv sabiex tappoġġa l-proċeduri ta' asil fil-gżejjer Griegi.

**Kaxxa 10 Kwistjonijiet li jaffettwaw l-effiċjenza tal-proċedura rapida fuq il-fruntiera**

Il-Kummissjoni tinnota li hija ffinanzjat l-iskjerament ta' tobba fil-gżejjer hotspot kollha.

114 Il-Kummissjoni tinnota li dan l-aħħar l-EASO u s-Servizz tal-Asil tal-Greċja mmodifikaw il-Proċeduri Operazzjonali Standard tagħhom sabiex idaħħlu fis-seħħ sistema aktar effiċjenti sabiex jindirizzaw il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà.

135 Il-possibbiltà għall-awtoritajiet nazzjonali li jirrikonoxxu reċiprokament id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor ilha teżisti minn wara l-2001, skont id-Direttiva 2001/40/KE. Madankollu, in-nuqqas ta' mezzi sabiex jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa jagħmilha diffiċli sabiex dan jiġi implimentat fil-prattika.

Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jiffaċilita l-applikazzjoni prattika tar-regoli dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn.

Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ f'Diċembru 2018 u se jkun applikabbli meta jitlestew il-passi tekniċi meħtieġa. Mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi d-data li fiha jibdew l-operazzjonijiet tas-SIS.

142 Il-Kummissjoni tinnota li minn Settembru 2019 fil-Greċja hemm fis-seħħ programm tal-AVRR ta' tliet snin ġdid taħt il-programmi nazzjonali tal-AMIF.

**<u>KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET</u>**

146 L-appoġġ sostanzjali mill-UE pprovdut f'termini finanzjarji u operazzjonali mill-Kummissjoni u mill-Aġenziji rilevanti tal-UE għamel differenza sinifikanti. Mingħajr dan l-appoġġ, is-sitwazzjoni kienet tkun saħansitra aktar diffiċli fuq il-post fil-pajjiżi l-aktar esposti, b'mod partikolari l-Italja u l-Greċja. Meta wieħed iqis dan l-appoġġ mill-UE, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li r-responsabbiltà legali u politika finali għall-ġestjoni tal-flussi migratorji fit-territorji tagħhom baqgħet biss f'idejn l-awtoritajiet Taljani u Griegi. La l-Kummissjoni u lanqas l-Aġenziji tal-UE ma għandhom setgħat eżekuttivi fl-Istati Membri u ma jistgħux jieħdu post l-awtoritajiet Griegi jew Taljani fid-dmirijiet tagħhom u fir-rigward tan-nuqqasijiet fil-proċeduri nazzjonali tagħhom ta' asil jew ta' ritorn.

147 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 23.

148 Il-Kummissjoni ttenni li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet hija responsabbiltà tal-Istati Membri. L-Istati Membri li jipprovdu l-esperti jiddeċiedu dwar it-tul tal-iskjerament tagħhom u l-persuni li jiskjeraw, abbażi tal-qafas legali applikabbli.

Fir-rigward tal-iskjerament tal-persunal tal-Frontex, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-preżenza permanenti fil-hotspot għadha essenzjali minħabba n-nuqqas ta' prevedibilità tal-flussi (flimkien mal-staġjonalità tagħhom), kif muri mill-każijiet ta' rilokazzjoni *ad hoc* wara l-avvenimenti ta' żbark tal-2019. Barra minn hekk, huwa kkumplikat ħafna li jerġgħu jiġu skjerati l-esperti, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma provduti mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tappoġġa approċċ flessibbli b'taħlita ta' timijiet permanenti u mobbli li jistgħu jkopru l-iżbarki fin-Nofsinhar tal-Italja.

150 Jekk jogħġbok ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 36, 41, 44 u 48.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ġew implimentati b'suċċess kbir.

Huma minn dejjem tfasslu sabiex jirrilokaw mill-Greċja u mill-Italja numru limitat biss ta' applikanti għal asil li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali meta mqabbel man-numru totali ta' wasliet f'dawk l-Istati Membri, li b'mod partikolari fl-Italja kien jikkonsisti fil-maġġoranza kbira tiegħu f'migranti b'nazzjonalitajiet li mhumiex eliġibbli għar-rilokazzjoni.

151 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 48 u 150.

152 Fir-Rapport ta' Progress tagħha dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tas-16 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni tinnota li 96% ta' dawk eliġibbli għar-rilokazzjoni (jiġifieri l-applikanti għall-asil li kienu r-responsabbiltà tal-Italja jew tal-Greċja, jappartjenu għal waħda min-nazzjonalitajiet eliġibbli għar-rilokazzjoni, irreġistrati għar-rilokazzjoni u mhux ta' theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali) ġew effettivament rilokati. Dawk esklużi minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali ma jistgħux jiġu kkunsidrati peress li fil-fatt ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà tad-Deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni ma segwietx speċifikament is-sitwazzjoni fl-Istati Membri tar-rilokazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 1 – Uża t-tagħlimiet meħuda sabiex tibni fuq l-esperjenza għal kwalunkwe mekkaniżmu possibbli ta' rilokazzjoni volontarja fil-futur**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

153 Fil-QFP li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li l-assistenza ta' emerġenza tkun inkluża fil-faċilità tematika li hija soġġetta għall-qafas ġenerali ta' kontroll u ta' monitoraġġ tal-Fondi futuri.

154 Fiż-żmien tal-awditu kienu għadhom għaddejjin żewġ proġetti tal-EMAS.

155 L-ippjanar strateġiku pluriennali tal-programmi nazzjonali tal-AMIF huwa strutturat tajjeb. Dak li jista' jittejjeb huwa l-mekkaniżmi li bihom il-programmi nazzjonali jistgħu jiġu adattati b'aktar ħeffa għall-ħtiġijiet li jinbidlu b'rata mgħaġġla relatati max-xejriet migratorji u mal-effetti tad-deċiżjonijiet politiċi mill-gvernijiet fis-seħħ.

Sa mill-2017, il-Kummissjoni involviet lill-Greċja f'valutazzjonijiet komprensivi tal-ħtiġijiet u f'eżerċizzju ta' ppjanar finanzjarju. L-awtoritajiet Griegi jissottomettu Pjan Finanzjarju annwali li jiġi mmonitorjat u rieżaminat regolarment minn Kumitati ta' Tmexxija li għalihom jattendu l-Ministeri Griegi, il-Kummissjoni Ewropea u l-EASO (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 68).

157 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/207, li jistabbilixxi l-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF) ġie adottat fit-3 ta' Ottubru 2016. Dan inkluda l-mistoqsijiet ta' evalwazzjoni kemm għall-Fondi kif ukoll għal-listi ta' riżultati komuni u ta' indikaturi tal-impatt. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-bażijiet ġuridiċi speċifiċi għall-Fondi diġà kienu jinkludu indikaturi komuni għall-kejl tal-objettivi speċifiċi, u għalhekk kien hemm disponibbli skema sa mill-bidu nett.

**Rakkomandazzjoni2– Tisħiħ tal-ġestjoni tal-assistenza ta' emerġenza u tal-programmi nazzjonali tal-AMIF**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Għall-QFP futur, il-Kummissjoni qed tippjana li tiddefinixxi sett ta' parametri ġenerali għall-allokazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza għall-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tintroduċi tali parametri ġenerali fil-programmi ta' ħidma futuri fil-Faċilità Tematika għall-Fondi tal-Affarijiet Interni tal-QFP li jmiss.

b) L-ewwel inċiż: Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u se tkompli tagħmel kull sforz possibbli sabiex titlob lill-imsieħba ta' implimentazzjoni u lill-Istati Membri sabiex jinkludu l-indikaturi RACER b'miri u b'linji bażi xierqa f'kull applikazzjoni għal assistenza ta' emerġenza. Madankollu, dejjem se jkun hemm każijiet li fihom id-definizzjoni tal-indikaturi tkun teħtieġ proċess twil ta' riflessjoni, jew fejn ikun kumpless wisq li wieħed ibassar il-miri jew jivvaluta l-linja bażi. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni xorta jista' jkollha taċċetta indikaturi limitati jew miri mhux definiti minħabba urġenza biex talloka l-appoġġ finanzjarju. Sabiex timmitiga s-sitwazzjoni, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-proġetti sabiex tgħin lill-Istati Membri jimmassimizzaw l-outputs u l-eżiti reali fil-prattika.

Għalhekk, il-Kummissjoni mhux se tieqaf tagħti l-proġetti tal-EMAS sempliċiment minħabba nuqqas ta' indikaturi peress li hija tiddependi wkoll fuq il-qafas ta' monitoraġġ u ta' kontroll stabbli tagħha sabiex tiżgura li l-outputs jitwasslu fil-prattika.

b) It-tieni inċiż: Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Dan se jsir fil-kuntest tal-evalwazzjoni *ex post* prevista fir-Regolament (UE) Nru 514/2014.

b) It-tielet inċiż: Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Fil-proposta tal-AMIF hija diġà inkludiet indikaturi tal-outputs u tar-riżultati għall-perjodu 2021-2027 li jkopru kemm il-programmi nazzjonali kif ukoll l-assistenza ta' emerġenza b'indikaturi inklużi l-linji bażi u l-miri.

c) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Għall-Pjanijiet Operazzjonali tal-2020 tal-EASO għall-Greċja u għall-Italja, f'Ġunju 2019 diġà nbdew id-diskussjonijiet bejn id-DĠ HOME u l-EASO sabiex jiġu żgurati sinerġiji ma' azzjonijiet kurrenti u ppjanati skont il-programmi nazzjonali u l-EMAS. Barra minn hekk, fil-każ tal-Italja, il-pjanijiet operazzjonali annwali tal-EASO huma żviluppati mill-EASO f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istess Dipartiment tal-Ministeru tal-Intern Taljan li jagħmel superviżjoni tal-Awtorità Responsabbli tal-AMIF tal-Italja; dan jiffaċilita sinerġiji mal-programmi nazzjonali.

159 Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 7 u dwar l-iskjerament ta' esperti nazzjonali għall-paragrafi 29-30.

160 L-appoġġ għar-ritorni mill-Frontex u l-programmi nazzjonali tal-AMIF qed jappoġġaw l-istess tip ta' attivitajiet ta' ritorn furzat, iżda b'mod komplementari. Il-possibilità li jiġu organizzati operazzjonijiet ta' ritorn iffinanzjati permezz ta' programmi nazzjonali tal-AMIF tagħti lill-Istati Membri l-flessibilità neċessarja sabiex iwettqu ritorn meta u fejn l-Aġenzija ma tkunx tista' toffri appoġġ.

**Rakkomandazzjoni 5 – Tisħiħ tal-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali tal-asil**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lill-awtoritajiet Griegi jeliminaw ix-xogħol b'lura fl-ewwel istanza.

Il-Kummissjoni tenfasizza li (i) hemm bżonn li jissolvew diversi kwistjonijiet mill-awtoritajiet Griegi sabiex jippermettu lill-Kummissjoni u lill-EASO jżidu l-appoġġ tagħhom għall-GAS (ara l-Kaxxa 7 aktar 'il fuq) u (ii) li t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal asil (jiġifieri sabiex fil-fatt jitnaqqas ix-xogħol b'lura) huwa kompetenza tal-Istat Membru.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lill-awtoritajiet tal-appell fil-Greċja.

Il-Kummissjoni tenfasizza (i) li l-organizzazzjoni tal-ordinament ġuridiku fil-Greċja hija l-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali u (ii) li l-EASO diġà qed jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet tal-appell billi jipprovdi r-relaturi (mhux involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet).

c) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-implimentazzjoni tagħha tiddependi mill-eżitu finali tal-proċeduri leġiżlattivi attwalment

pendenti dwar strumenti relatati li bħalissa jinsabu f'negozjati interistituzzjonali: il-proposta tal-Kummissjoni tal-2018 sabiex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali (COM(2018) 307 finali), il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (COM(2018) 633 final).

**Rakkomandazzjoni 6 – Appoġġ ulterjuri għal proċeduri nazzjonali ta' ritorn**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tappoġġa aktar lill-awtoritajiet Griegi u Taljani fl-indirizzar tal-kawżi li jwasslu għal ritorni baxxi. Il-Kummissjoni diġà implimentat miżuri possibbli skont il-mandat tagħha, li jridu jiddaħħlu fis-seħħ mill-awtoritajiet Griegi u Taljani.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Fil-kuntest ta' sħubijiet komprensivi ma' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni se tħares lejn l-użu effettiv tal-politiki u tal-għodod tagħha b'mod koerenti bl-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni filwaqt li se taħdem sabiex iżżid l-influwenza tagħha mal-pajjiżi terzi. Fi Frar 2020 jidħol fis-seħħ il-Kodiċi l-ġdid dwar il-Viżi, b'dispożizzjoni speċifika li tistabbilixxi l-possibilità li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq il-viżi għal pajjiżi mhux tal-UE li ma jikkooperawx dwar ir-riammissjoni.

Barra minn hekk, fil-kuntest tan-negozjati tal-qafas ta' wara Cotonou, il-Kummissjoni ngħatat il-mandat mill-Istati Membri sabiex tiżgura li dispożizzjonijiet aktar konkreti dwar ir-riammissjoni jkunu parti mill-ftehim futur.

c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

d) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tenfasizza li r-responsabilità primarja għall-ġbir tad-*data* hija tal-Istati Membri.